**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 175/2016 CFF**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**Vs**
**Daniel Vassallo**

**Illum it-Tlieta 25 t'Ottubru, 2016**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disat elef, tmin mija u dsatax-il Ewro u erba' centezmi (€9,819.04) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A2") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-3 ta' Gunju, 2016 sal-jum tal-pagament effettiv.

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata datata 1 ta' Marzu, 2012 (Dok "B") u partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffetwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut

lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut ddekada mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 21 ta' Awwissu, 2016 (Dok "C") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut Daniel Vassallo gie notifikat fis-7 t'Ottubru, 2016  pero' la deher u lanqas ipprezenta risposta fis-seduta tat-18 t'Ottubru, 2016.

Rat li fl-istess seduta, is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta sussegwenti tal-25 t'Ottubru, 2016, il-konvenut imsejjah tlett darbiet rega' naqas li jidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta' attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disat elef, tmin mija u dsatax-il Ewro u erba' centezmi (€9,819.04) flimkien mal-imghax ulterjuri mit-3 ta' Gunju, 2016 sal-jum tal-pagament effettiv bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 21 ta' Awwissu, 2016 u tal-Mandat ta' Sekwestru kontra l-konvenut.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**